

3) Fil-każ ta' risposta affermativa għall-ewwel domanda:

L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94/KE għandu effett dirett u, meta Stat Membru ikun naqas milli jittrasponi jew sempliċement ittraspona b'mod insuffiċjenti din id-direttiva, din id-dispożizzjoni tagħti drittijiet li l-individwi jistgħu jinvokaw kontra dan l-Istat Membru quddiem qorti nazżjonali?

4) Fil-każ ta' risposta affermativa għat-tielet domanda:

Entità rregolata mid-dritt pubbliku li l-Istat Membru stabbilixxa – b'mod vinkolanti għall-persuna li timpjega – bħala istituzzjoni għal protezzjoni minn insolvenza tal-iskemi tal-pensjoni okkupazzjonali, li hija suġġetta għal sorveljanza Statali tas-servizzi finanzjarji u tiġbor il-kontribuzzjonijiet meħtieġa għal protezzjoni minn insolvenza mingħand persuni li jimpjegaw skont id-dritt pubbliku, u li tista' tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal eżekuzzjoni permezz ta' att amministrattiv, hija awtorita pubblika tal-Istat Membru?

(¹) ĠU 2008, L 283, p. 36.

Appell ippreżentat fis-6 ta' Marzu 2018 minn PTC Therapeutics International Ltd mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fil-5 ta' Frar 2018 fil-Kawża T-718/15, PTC Therapeutics International Ltd vs L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)

(Kawża C-175/18 P)

(2018/C 231/09)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: PTC Therapeutics International Ltd (rappreżentanti: G. Castle, Solicitor, B. Kelly, Solicitor, K. Ewert, Rechtsanwalt, M. Demetriou QC, C. Thomas, Barrister)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, Il-Konfederazzjoni Ewropea ta' Imprendituri fis-Settur Farmaċewtiku (Eucope)

Talbiet

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja joghħobha:

- tilqa' l-appell ta' PTC u tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali;
- tannulla d-deċiżjoni tal-iżvelar ta' ċerta informazzjoni skont ir-regolament dwar it-trasparenza (¹), ikkomunikata mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini lil-PTC fil-25 ta' Novembru 2015; u
- tikkundanna lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għall-ispejjeż legali u oħrajn sostnuti mir-rikorrenti fil-kawża odjerna.

Aggravji u argumenti prinċipali

Is-sentenza appellata għandha tiġi annullata għas-segwenti raġunijiet:

- il-Qorti Ġenerali naqset milli tikkonkludi li d-dokumenti kontenzjużi huma protetti minn preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità;
- il-Qorti Ġenerali naqset milli tikkonkludi li d-dokumenti kontenzjużi huma kkostitwiti integralment minn informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali protetta mill-Artikolu 4(2) tar-regolament dwar it-trasparenza;

- il-Qorti Ġenerali naqset milli tikkonkludi li d-dokumenti kontenzjużi għandhom ikunu protetti mill-Artikolu 4(3) tar-regolament dwar it-trasparenza; u
- l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini naqset milli twettaq eżerċizzju ta' ibbilanċjar kif rikjest mil-liġi.

(¹) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1 Vol. 3, p. 331).

Appell ippreżentat fis-7 ta' Marzu 2018 minn MSD Animal Health Innovation GmbH, Intervet international BV mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fil-5 ta' Frar 2018 fil-Kawża T-729/15, MSD Animal Health Innovation GmbH and Intervet international BV vs L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

(Kawża C-178/18 P)

(2018/C 231/10)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: MSD Animal Health Innovation GmbH, Intervet international BV (rappreżentanti: P. Bogaert, avukat, B. Kelly, Solicitor, J. Stratford QC, C. Thomas, Barrister)

Parti oħra fil-proċedura: L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

Talbiet

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja joghħobha:

- tilqa' l-appell tar-rikorrenti u tannulla s-sentenza appellata;
- tannulla d-deċiżjoni tal-iżvelar ta' ċerta informazzjoni skont ir-regolament dwar it-trasparenza (¹), ikkomunikata mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini lir-rikorrenti fit-3 ta' Diċembru 2015; u
- tikkundanna lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għall-ispejjeż legali u oħrajn sostnuti mir-rikorrenti fil-kawża odjerna.

Aggravji u argumenti prinċipali

Is-sentenza appellata għandha tiġi annullata għas-segwenti raġunijiet:

- il-Qorti Ġenerali naqset milli tikkonkludi li d-dokumenti kontenzjużi huma protetti minn preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità;
- il-Qorti Ġenerali naqset milli tikkonkludi li d-dokumenti kontenzjużi huma kkostitwiti integralment minn informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali protetta mill-Artikolu 4(2) tar-regolament dwar it-trasparenza;
- il-Qorti Ġenerali naqset milli tikkonkludi li d-dokumenti kontenzjużi għandhom ikunu protetti mill-Artikolu 4(3) tar-regolament dwar it-trasparenza; u
- l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini naqset milli twettaq eżerċizzju ta' ibbilanċjar kif rikjest mil-liġi.

(¹) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1 Vol. 3, p. 331).